**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 498/17 AL

AB
Vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' April 2000 gewwa il-Knisja ta' San Alwigi Birkirkara. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dok. A

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li llum ghadhom minorenni.

Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar it-23 ta' Lulju 2012 fl-Atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. B).

Illi ai termini ta' Artikolu 4 ta' l-istess Kuntratt, iz-zewg partijiet irrinunzjaw b'mod definittiv ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 17 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni, ir-Ragel obbliga ruhu illi jhallas is-somma kumplessiva ta'€250 bhala manteniment ghall-minuri u ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-istess kuntratt, il-partijiet obbligaw ruhhom illi spejjez ta' edukazzjoni u sahha ordinarji inkluzi u mhux limitatement spejjez ghal transport, kotba u uniformijiet ghandhom ikunu a karigu taz-zewg partijiet. Ir-rikorrent jikkonferma illi kwalsiasi ammont dovut dejjem thallas puntwalment u sa llum, ma hemm l-ebda arretrati pendenti.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn erbgha snin mifrudin, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet
2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata fuq domanda tal-Qorti twiegeb li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Lulju, 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.